*Personalitajiet fl-Istorja ta' Malta b'rabta mal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam*

# Lord Gerald Strickland

## *Prim Ministru ta' Malta*



**kitba u riċerka ta' Jeff Sciberras**

Sa mit-twaqqif tagħha l-Banda L'Isle Adam dejjem kellha isem u stima mill-poplu u anke minn perosnalitajiet għolja fil-pajjiż. Kienu bosta l-personalitajiet li kienu jokkupaw karigi diversi fil-pajjiż li kienu jiffurmaw parti mill-Għaqda Mużikali L'Isle Adam. Kien hemm xi wħud li anke okkupaw karigi diversi fit-tmexija tal-Kumitat ta' din l-Għaqda. Minn din is-sena se nibdew nagħtu bijografiji ta' xi wħud minn dawn il-personalitajiet u l-ewwel wieħed li se nkunu qed nagħtu tagħrif dwaru huwa l-eks Prim Ministru Lord Gerald Strickland. Din il-bijografija qed tkun miġbura mis-Sur Jeff Sciberras li ta' kull sena jieħu ħsieb li jagħmel bosta riċerki interessanti u nippublikawhom f'dan l-annal sabiex b'hekk ikollna dimensjoni interessanti ta' din il-pubblikazzjoni. Tajjeb li ngħidu li s-Sur Sciberras huwa persuna li għandu familjari tiegħu mill-Komunita Ġużeppina pero llum jgħix ġewwa l-Irlanda.

Is-sena l-oħra, konna tkellimna dwar l-ewwel Prim Ministru ta' Malta Joseph Howard u l-ġnien li nsibu bejn ir-Rabat u l-Imdina msemmi għalih. Wieħed mis-suċċessuri ta' Howard, ir-raba Prim Ministru Gerald Strickland, ukoll għandu konnessjoni mar-Rabat, anzi speċifikament mal-Banda L'Isle Adam, li tagħha kien soċju għal numru ta' snin. Is-sena l-oħra kont semmejt ukoll kif aħna l-Maltin mingħalina li l-istorja tal-Gvernijiet Maltin bdiet mal-Indipendenza tal-1964 u ninsew ix-xogħol siewi li wettqu l-Gvernijiet Maltin ta' qabel. Anzi, għandna l-vizzju li nattribwixxu x-xogħol siewi li dawn wettqu lill-Gvern Ingliż li tiegħu Malta kienet kolonja. Fil-każ ta' Strickland, li peress li għandu kunjomu Ingliż, ikompli jħawwad xi ftit l-imħuħ, dan huwa dnub kbir, għax dan il-personaġġ fassal parti sostanzjali mill-wiċċ li għandha Malta llum.



*Gerald Strickland fiż-żmien meta kien Prim Ministru ta' Malta*

Strickland kellu missieru Ingliż u għalkemm qatt ma baqa' lura milli juża l-kuntatti u l-vantaġġi li tah dan il-fatt, qatt ma ħeba li kellu ommu Maltija. Strickland ukoll qatt ma ħeba li kien kattoliku, għall-kuntrarju tal-maġġoranza tal-Ingliżi, li kienu Anglikani. Dan fi żmien meta l-Kattoliċi ġewwa l-Ingilterra ma tantx kienu għadhom fdati.

Gerald Strickland kien wieħed minn dawk in-nies li sa mit-twelid donnhom ikunu ddestinati biex javvanzaw. Missieru Walter, kaptan fl-armata Ingliża, kien iben familja nobbli bi storja ta' xi 800 sena. Mill-bogħod kien jiġi minn George Washington, l-ewwel President tal-Istati Uniti. Il-kastell tal-iStricklands, Sizergh f'Kendal fil-Westmoreland fir-Renju Unit, għadkom tistgħu tmorru żżuruh sal-lum. Ommu mbagħad, Louisa Bonnici Mompalao, kienet minn familja nobbli Maltija. B'hekk Gerald Strickland, li twieled fil-Belt Valletta fl-24 ta' Mejju tal-1861, kellu bidu privileġġjat ħafna, allavolja kien tilef lil missieru ta' 6 snin. Il-fatt li kien l-akbar fost ħutu kompla għenu f'dak li jidħol wirt, u ta' 14-il sena fil-fatt wiret lil wieħed qarib ta' ommu li miet bla tfal u sar is-sitt Conte Della Catena bil-beni u l-propjetà kollha li kienu jappartjenu għal dan it-titlu, fosthom dar fl-Imdina u l-Villa Bologna f'Ħ'Attard. Qarib ieħor ta' ommu tellgħu l-Qorti għax ippretenda li jiret hu imma f'każ li dam sejjer sal-1882, u li baqa' tiela sal-ogħla qorti li kienet teżisti dak iż-żmien, il-Privy Council, Gerald Strickland ġie kkonfermat.

Matul dan kollu, Strickland kien qed jieħu l-edukazzjoni tiegħu, l-ewwel f'St. Mary's College

f'Birmingham fl-Ingilterra, imbagħad fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti ta' Mondorgone fl-Italja fejn rebaħ premju ta' midalja tad-deheb għall-istudji tiegħu. Meta ġie għall-università, Strickland daħal fi Trinity College Cambridge, fi żmien meta l-Kattoliċi ma kinux għadhom aċċettati. Hemmhekk barra li mar tajjeb fl-istudji tiegħu, sar ukoll l-ewwel president kattoliku tal-Cambridge University Rifles. Dan kollu beda jitfa lil Strickland f'għajnejn in-nies fl-Ingilterra. Imma ma nesiex lil Malta u kien diġà beda jikteb favur titjib fil-governanza ta' pajjiżu. Meta għall-ħabta tal-1883, kif kienu jagħmlu s-sinjuri dak iż-żmien, mar ġita mad-dinja, meta għadda mill-Awstralja ddiskuta ma' uffiċjali għolja hemm dwar kif jistgħu jinfetħu iżjed opportunitajiet għall-immigranti Maltin.

Iggradwa fil-liġi minn Cambridge fl-1887, imma ma jidhirx li pprattika ħafna ta' avukat. Dan għaliex l-interess prinċipali ta' Strickland kien il-politika f'Malta. Il-fatt li kien sinjur għenu ħafna biex seta' jiddedika ħinu għal dan il-għan. Fuq quddiem tal-għlieda tal-Malti, biex ikollhom sehem akbar fit-tmexxija ta' pajjiżhom, kien hemm Fortunato Mizzi, li waqqaf il-Partit Nazzjonalista. Mizzi ma setax ma jinġibitx lejn żagħżugħ dinamiku u patrijott bħalma kien Strickland, li kien qed jikteb bil-qawwa favur Malta fil-ġurnali Ingliżi. Bdew jaħdmu flimkien, u Strickland ħareġ għall-elezzjoni tal-kunsill tal-gvern fi Frar tal-1887 ma' Mizzi u tela. Irnexxielu ukoll jibda jimmansa xi ftit lil Mizzi, li forsi kien kontra l-Ingliżi u favur it-Taljani xi ftit iżżejjed u t-tnejn flimkien marru Londra dik is-sena biex jagħmlu rapreżentazzjonijiet mal-Gvern Ingliż favur Malta. Kien sa ċertu punt, permezz ta' dan li



*It-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-isptar San Luqa f'April tal-1930 mill-gvernatur Sir John Philip Du Cane (fin-nofs). Fuq il-lemin jidher Edwin Vassallo, ministru tax-xogħlijiet pubbliċi u soċju fil-Każin tal-Banda L'Isle Adam*

Malta lejn l-aħħar tal-1887 ingħatat il-kostituzzjoni Knutsford, li ipprovdiet għall-kunsill ta' gvern biex imexxi ħafna minn dak li ma kellux x'jaqsam mal-militar f'Malta, u li fih għall-ewwel darba, il-Maltin eletti kienu fil-maġġoranza.

L-ewwel elezzjonijiet tal-kostituzzjoni l-ġdida saru f'Marzu tal-1888. Strickland, li reġa' tela' mill-ġdid tant mar tajjeb, li ngħata post fil-kunsill eżekuttiv, speċi ta' kabinett tal-ministri ta' dak iż-żmien. Hawn kompla juri l-kapaċitajiet tiegħu, l-iżjed meta inkariga ruħu mill-kumitat tal-gvern maħtur biex jikkumbatti l-għlieda tal-Kolera li kienet qed tifni dawn il-gżejjer. Strickland, mingħajr ebda biża jew kunsiderazzjoni għal saħħtu, kien iżur il-morda personalment biex jara li kollox kien qed isir sewwa. Bdiet tbatti lejn l-aħħar ta' dik is-sena, imma mietu 435 ruħ – wieħed minnhom, kif rajna s-sena l-oħra, kien Webster Paulson, il-Perit tal-Casino Notabile li hemm is-Saqqajja.

Il-kostituzzjoni tal-1887 kienet kisba kbira għal Malta u Mizzi u Strickland kienu fuq ilsien in-nies. Il-popolarità tagħhom kienet kbira u kienet naturali li jintrabtu ma' każini li kienu l-unika żvog soċjali għall-poplu. Kien fil-fatt f'dan il-kuntest li nsibu lil Strickland, fid-29 ta' Jannar tal-1888, elett soċju onorarju fis-Soċjetà L'Isle Adam. Irid jingħad li għalkemm x'aktarx ġieli attenda għal xi funzjonijiet, ma jidhirx li kellu sehem dirett fil-każin innifsu.

Iżda bejn dawn iż-żewġ protagonisti, Fortunato Mizzi u Gerald Strickland, li t-tnejn kellhom rieda tal-ħadid, kien beda ifeġġ xi ftit tal-inkwiet. Sakemm kellhom għan komuni, jiġifieri li jiksbu kostituzzjoni aħjar għal Malta, imxew flimkien. Imma ladarba l-kostituzzjoni ġiet, bdew jimxu f'direzzjonijiet opposti. Għal Mizzi Malta kienet estensjoni tal-Italja u kien importanti li titkattar fost il-Maltin il-lingwa Taljana. Anzi, donnu kien jixtieq li Malta xi darba tingħaqad mal-Italja. Strickland mill-banda l-oħra donnu fehem, li jekk Malta riedet tistana, kien jaqblilha tħaddan il-lingwa Ingliża u li tibqa' fl-Imperu Ingliż, li kien l-akbar wieħed li kien jeżisti dak iż-żmien. Kien għad jonqos triq twila, imma tista' tgħid li kien minn hawn li l-Ingliż beda t-triq biex jieħu post it-Taljan bħala t-tieni lingwa f'Malta wara l-Malti. Min minn Strickland u Mizzi kellu raġun m'hemmx għalfejn nidħlu fiha hawn, imma huwa fatt li sal-ġurnata tal-lum, il-konoxxenza li għandna tal-lingwa Ingliża tiswielna ħafna fit-turiżmu u l-kummerċ u tivvantaġġjana ħdejn pajjiżi kompetituri tagħna. Lil Strickland għandna nafuhulu xi ħaġa oħra wkoll, għaliex għalkemm mexxejja oħra dejjem qiesu lil Malta bħala parti mill-Italja, kien Gerald Strickland l-ewwel politiku li qies lil Malta bħala pajjiż għalih

b'poplu indiġenu. Kien veru li riedu jibqa' fl-Imperu Ingliż, imma din għalih kieinet triq lejn il-prosperità u s-sigurtà li pajjiż żgħir bħal Malta bilfors kellu bżonn minn pajjiż akbar minnu. Sa ċertu punt, għal min jiftakar, argument mhux wisq differenti minn dak ta' Mintoff meta ppropona l-Integration fl-1956.

L-awtoritajiet Ingliżi, għax raw li Strickland kellu ċertu kapaċitajiet, fittxew li dawn jużawhom. Diġà f'Awwissu tal-1888 kienu appuntawh assistent segretarju tal-gvern. Għalkemm din kienet pożizzjoni mingħajr ħlas, Strickland ċeda postu fil-kunsill, bil-paga li kienet abbinata miegħu, għalkemm ma kellu l-ebda obbligu li jagħmel dan. Mar tajjeb f'din il-kariga u l-Ingliżi reġgħu laħHquh – aġent Prim Segretarju tal-gvern fit-2 ta' Marzu 1889 u Prim Segretarju fl-1 ta' Novembru ta' wara. Prim Segretarju kienet l-ogħla kariga li teżisti fiċ-ċivil, kif kien dak iż-żmien. Mizzi u sħabu, u l-Maltin in ġenerali għall-ewwel ferħu b'dan kollu imma meta Strickland beda jdaħħal miżuri bżonnjużi, iżda li ma kinux popolari, id-diska malajr inbidlet u Gerald Strickland beda jiġi meqjus bħala traditur tal-Maltin għax dar mal-Ingliżi.

Jibqa' l-fatt imma li fi tlettax-il sena li dam Prim Segretarju, Strickland inħass ġmielu. Għamel riformi kbar fid-dipartiment tal-gvern, inkluż fil-finanzi, bena numru ta' skejjel ġodda, estenda kemm felaħ is-servizzi tal-ilma, dawl u drenaġġ fid-djar. Kien hu li akkwista l-ferrovija għall-gvern mingħand kumpanija privata, u dawwarha minn servizz fallut għal wieħed li għamel 40 sena oħra jgħaqqad ir-Rabat u l-kampanja mal-Belt Valletta u l-port. Kien fi żmienu li tħaffret il-mina li tgħaddi minn taħt ir-Rabat u tiżbokka faċċata tal-Imtarfa. Hemm inbena l-istazzjoni tal-Mużew, kif ukoll il-pont li jgħaqqad ir-Rabat mal-Imtarfa. Wara li fil-1931, għalqet il-ferrovija, dawn saru toroq li għadna nużaw sal-lum. B'liġi li għamel il-Prim Segretarju Strickland fl-1896, obbliga lill-militar li jgħaddi lill-gvern ċivili l-artijiet li l-propjetà li ma kellhomx bżonn iżjed u għal ħafna snin wara hekk ġara. B'hekk dawn il-postijiet bdew jintużaw għall-proġett ta' fejda għall-Maltin. Ried li jinbena *breakwater* għall-Port il-Kbir u sa ħallas minn butu għall-pjanti iżda kien wara li spiċċa mill-kariga li dan il-proġett inbeda – u għadna ngawdu minnu sal-lum. Lura għall-1889, waqqaf ukoll ir-Royal Malta Regiment of Militia, li wara sar il-King's Own, li pprovda impjieg għal ħafna Maltin ingaġġaw fih tul is-snin. Dan kollu għamlu b'oppożizzjoni kbira għaliex ir-rappreżentanti Maltin fil-kunsill kienu opposti ħafna u fittxew li jfixkluh kemm setgħu anke jekk dak li ried jagħmel kien ta' fejda għal Malta.

F'nofs dan il-mewġ politiku, Strickland għamel pass importanti ħafna f'ħajtu. Diġà semmejt li għax il-familja tiegħu, kemm min-naħa ta' missieru kif ukoll min-naħa t'ommu, kienu min kienu, kellu ċertu vantaġġi fl-Ingilterra u f'Malta. Iżda Strickland ħa qabża oħra 'il quddiem meta żżewweġ fis-26 ta' Awwissu tal-1890 lil Lady Edeline Sackville, bint is-seba Earl De la Warr u ħabiba tal-Prinċep ta' Wales li fl-1901 sar ir-re Edward VII. Il-familja ta' martu kienet nobbli, prominenti ħafna l-Ingilterra, u dan żied il-kuntatti u l-ħbieb li kellu Strickland. Bejniethom kellhom ħames ibniet; Mary, Cecilia, Mabel, Henrietta u Constance. Tifla oħra, Margaret mietet ta' ftit xhur. Diżgrazzjatament għal Strickland, mitulu wkoll ta' età żgħira ħafna ż-żewġ subien li kellu, Reginald u Walter. Tal-ewwel jinsab midfun fil-Katidral tal-Imdina flimkien ma' Margaret. Din li ma kellux tifel biex jissuċċedih, lil Strickland kidditu ħafna, fi żmien meta n-nisa ma tantx setgħu javvanzaw barra mid-dar. Iżda f'dan ir-rigward, it-tielet tifla Mabel, li qatt ma żżewġet, ma ddiżappuntatux għax meta kibret saret l-assistenta u d-dixxiplu politiku ta' missierha.

Il-ġlied bejn il-Prim Segretarju Strickland u l-Kunsilliera Maltin ma qatgħux, partikolarment għaliex Strickland xtaq iġib 'il quddiem il-lingwa Ingliża skapitu ta' dik Taljana. Iżda bdiet il-gwerra liema bħalha meta Strickland, biex iħallas għall-estensjoni tas-servizz tad-drenaġġ fid-djar, ried jirriforma s-sistema tat-taxxi. Flok fuq il-qamħ biss, Strickland xtaq li jibdew jiġu ntaxxati ċertu affarijiet ta' lussu, biex il-gvern idaħħal iżjed flus u fl-istess ħin inaqqas xi ftit il-piż tat-taxxi minn fuq il-fqir u jagħfas iżjed lis-sinjur kif ukoll lill-Ingliżi residenti Malta. Bil-Knisja issa kontra tiegħu wkoll, l-oppożizzjoni għal Strickland kienet ħarxa u ħafna kienu qed jitolbu biex jitneħħa mill-kariga. Il-fatt li kien imexxi b'mod pjuttost dittatorjali ma għenux. Imbagħad fil-11 ta' Awwissu 1901 saru protesti kbar fil-Belt kontrieh, u kontra t-taxxi li ried idaħħal. Għalkemm il-Gvern Ingliż żgur feraħ bl-amministrazzjoni tajba ta' Strickland, l-inkwiet li kien qed jaqla' biex jasal fejn ried kien qed iweġġa' l-irjus f'Londra. Għalhekk, l-Ingliżi fittxew li jeħilsu minnhu bil-pulit.

Wara li rrifjuta l-offerta mingħandhom tal-governat ta' Fiji fil-1902, hu aċċetta l-pożizzjoni ta' gvernatur fil-gżejjed Leeward fil-Karibew. Din kienet speċi ta' promozzjoni għalkemm ħafna fehmu li fl-istess ħin Strickland kien qed jitneħħa minn Prim Segretarju f'Malta, ħaġa li baqa' jiġi mgħajjar biha s-snin. Fil-kariga l-ġdida, Strickland medd għonqu għax-xogħol u mar tajjeb, tant li fit-28 ta' Ottubru 1904 ingħata l-governat iżjed prestiġġjuż tal-gżira ta' Tasmania fl-Awstralja. Minn hawn, fil-31 ta'



**_Parti mill-ġnien ta' Villa Bologna f'Ħ'Attard_**

Mejju tal-1909, laħaq gvernatur iżjed prestiġġjuż tal-Istat ta' Western Australia biex imbagħad fl-14 ta' Marzu tal-1913, laħaq gvernatur tal-iżjed stat importanti fl-Awstralja, New South Wales. Fil-bidu kien hemm min ma riedx gvernatur kattoliku f'New South Wales, iżda dan il-kuntrarju ħalajr għeb.

Xogħlu fl-Awstralja komplieh bl-istess ħeġġa li mexa f'Malta u pprova jġib ħafna affarijiet 'il quddiem. Għad hemm numru ta' istituzzjonijiet u bini msemmija għalih għax fetaħhom jew nediehom hu. Irridu niftakru pero li fl-Istati Awstraljani xogħlu ta' gvernatur kien simili għal dak ta' President tar-Repubblika f'Malta llum. Dan fis-sens li dawn il-postijiet kellhom il-prim ministri u l-gvernijiet tagħhom li kienu jamministraw huma. Waqt li kien imsiefer, Strickland ma nesiex lil Malta, u kemm dam l-Awstralja ħa ħafna ħsieb l-emigranti Maltin. Beda jingħad lejn l-1916 li Strickland setgħa jingħata l-kariga ta' gvernatur ġenerali tal-Awstralja kollha, l-iżjed kariga prestiġġjuża f'dak il-Kontinent. Iżda kiwistjoni mal-Prim Ministru ta' New South Wales William Holman, daħħal lil Strickland f'bawxata. Meta Holman kisirha mal-partit tiegħu u ngħaqad mal-oppożizzjoni, xorta baqa' prim ministru, Strickland deherlu li ma kienx sewwa. Skont Strickland, Holman ma ġiex elett mill-poplu b'dak il-mandat u effettivament neħħieh minn Prim Ministru. Iżda Holma appella lill-uffiċju tad-dominji f'Londra, li taħtu kienet taqa' l-Awstralja dak iż-żmien. F'Londra, għal raġunijiet dibattibli, iddeċidew favur Holman u għat-tieni darba fil-karriera tiegħu, Strickland ġie mneħħi mill-kariga bil-pulit. Għal għajn in-nies allura, Strickland inħareġ fuq leave għall-kumplament tal-kariga. Wara disfatta bħal din, il-possibiltajiet li Strickland jerġa' javvanza fil-karriera tas-servizz kolonjali nixfu. Biex tgħaqqad, il-mard li għal tant snin kien ilu jkabar lil martu Edeline, issa beda jkabarha sew. Allura Strickland iddeċieda li jħalli l-karriera u jerġa' lura lejn Malta.

Meta wasal mill-Awstralja fl-1917, Strickland sab ruħu qisu mitluf, għax għall-ewwel darba fi tletin sena, ma kellux rwol uffiċjali x'jagħmel. Imma fil-ħajja personali u familjari tiegħu kellu biżżejjed biex ikun okkupat. Il-bosta propjetajiet li kellu, fosthom il-Villa Bologna u l-Kastell ta' Sizergh fl-Ingilterra, kienu batew mit-traskuraġni fis-snin meta kien gvernatur u kellhom bżonn xogħol kbir. Iżda agħar minn hekk, l-ewwel fl-1917 tilef lil ħuh Joseph li kien Patri Ġiżwita u li kien sofra ħafna waqt il-gwerra bl-attakki tal-gas. Imbagħad sena wara, fil-15 ta' Diċembru 1918, wara snin twal ta' mard, tilef lil martu Edeline li ndifnet l-Imdina fil-Katidral. It-tifla ż-żgħira tagħhom kien għad kellha biss sitt snin. Dan kien żmien ta' dlam kbir għal Strickland, fejn donnu ma tantx seta' jsib żfog. Iżda id-destin donnu intervjena biex jgħinu.

Wara snin ta' protesti, l-Ingliżi taw lil Malta l-kostituzzjoni Amery Milner, li għall-ewwel darba tat lil Maltin parlament elett biex imexxi l-materji ċivili f'Malta. Malajr bdew jiżviluppaw gruppi politiċi. La Malta kien hawn ħafna politiċi favur l-Italja, Strickland fehem il-bżonn li jkun hawn partit Pro Ingliż u ifforma l-Anglo Maltese Party. Pero diġà kien hawn partit ieħor b'għan simili, il-Maltese Constitutional Party taħt Augusto Bartolo, li ma tantx kellu demm ma' Strickland. Iżda ladarba kellhom għadu komuni, iddeċidew li jingħaqdu u fil-24 ta' Awwissu tal-1921, iffurmaw il-Partit Kostituzzjonali b'Strickland bħala kap u Bartolo viċi. Din kienet l-ewwel rebħa li għamel Strickland fil-kamp politiku Malti għaliex prattikament il-politiċi l-oħrajn kollha, li ma kienu qatt ħafruha lil Strickland għal dak li għamel meta kien Prim Segretarju tal-Gvern 20 sena qabel, ma kinux jaħmluh.

Kienet ħaġa normali fil-fatt, minn dak iż-żmien u għal snin twal wara, li kull darba li Strickland kien




**_Il-breakwater fil-port tal-Imġarr Għawdex li nbena mill-gvern ta' Strickland_**

ikun miexi fit-triq ħafna kienu jibbuwjaw u jsaffru. Iżda hu dejjem żamm kalm u libes pulit bl-abjad u jimxi minn Strada Rjali jsellem lil kulħadd.

Jidher li t-tattika tal-politiċi stabbiliti li lil Strickland jiddemonizzawh ħadmet bil-kontra għax serviet ta' reklam għal min forsi ma kienx jaf ħafna bih. Bħalma rajna riċentement, fil-każ ta' Donald Trump fl-Istati Uniti, għalkemm hemm baħar jaqsam bejniethom bħala personalità, Strickland beda jappella għal numru ta' nies, fosthom negozjanti li riedu jimxu 'il quddiem u ħaddiema li kienu xebgħu mill-politiċi tradizzjonali ta' dak iż-żmien li donnhom riedu jħallu kollox kif jien, jekk mhux ireġġgħu l-arloġġ lura. Fil-fatt fl-elezzjoni tal-1921, il-Partit Kostituzzjonali rebaħ 7 siġġijiet minn 32 u bħala voti ġie fit-tieni post. Strickland għalhekk ħa postu bħala l-ewwel Kap tal-Oppożizzjoni ta' Parlament Malti u mexxa kampanja ħarxa kontra l-gvern tal-Unione Politica Maltese. Kien prattikament hu fil-fatt li ġab fi tmiemha l-karriera tal-ewwel Prim Ministru ta' Malta, Joseph Howard. Fl-elezzjoni ta' wara fil-1924 il-Partit Kostituzzjonali kompla javvanza u ġab 10 siġġijiet, jiġifieri daqs il-partit li kien għadu kif kien fil-gvern, il-UPM. Strickland b'hekk kellu ċans kbir li jsir Prim Ministru imma peress li l-UMP ingħaqdu man-Nazzjonalisti, li kellhom 5 siġġijiet oħra, Strickland reġa' sar kap tal-Oppożizzjoni. Iżda kien ċar lejn fejn kien qed jonfoħ ir-riħ. Strickland kompla bl-oppożizzjoni enerġetika tiegħu lejn il-gvern, u kull min kien qed jagħtih appoġġ, fosthom il-knisja. Kien isemma leħnu mingħajr ma joqgħod jaħsibha, b'mod li beda dieħel f'kontroversji kbar, għalkemm irid jingħad li l-livell tal-politika dak iż-żmien kien pjuttost aggressiv. Darba sa ssejħu l-pulizija biex joħorġuh mill-parlament. Fl-1924 daħal fi kwistjoni mal-Isqof ta' Għawdex Giovanni Maria Camilleri, li ftit wara offra r-riżenja tiegħu, u sa offra flus għal min jikxef l-abbużi ta' membri tal-kleru Għawdxin. Għawdex, f'dan iż-żmien kien fortizza Nazzjonalista.

Iżda minkejja dan it-taħbit kollu, Strickland ittanta jpoġġi borma oħra fuq in-nar. Kellu ċertu popolarità f'Lancaster fl-Ingilterra, jiġifieri minn fejn kienet il-familja ta' missieru u l-partit Konservattiv Ingliż għażlu biex ikun il-kanditat tagħhom għall-elezzjoni ġenerali tal-29 ta' Ottubru tal-1924. Dan is-siġġu kien miżmum mill-Partit Liberali iżda f'din l-elezzjoni Strickland rebħu għall-Konservattivi. B'hekk akkwista siġġu fil-House of Commons Ingliża, l-unika bniedem li kellu post f'żewġ parlamenti fl-istess ħin.


*Margaret Houlton, it-tieni mara ta' Gerald Strickland*

Diġà semmejt kif Strickland kien mogħni b'ħafna ġid, u matul ħajtu huwa fittex li jkompli jimxi 'il quddiem f'dan ir-rigward. Missieru ma kienx l-eredi l-prinċipali tal-wirt tal-familja Strickland fl-Ingilterra. Iżda l-kuġin li wiret il-biċċa l-kbira tal-ġid li kellhom l-iStricklands ħarbat kollox u għamel ħafna dejn. Għalhekk fl-1896, Strickland kien ħa f'idejh dan id-dejn bil-patt li jiġu ċeduti lilu l-iSizergh Castle, il-kastell antik tal-familja u l-artijiet u l-propjetajiet oħra abbinati miegħu. Dan għen ħafna l-pożizzjoni soċjali tiegħu fl-Ingilterra. Iżda l-colpo di scena żgur ġie fl-1926 meta Strickland, li issa allura kien armel, iżżewweġ lil Margaret Hulton, bint propjetarju kbir ta' bosta gazzetti. Hulton inġibdet lejn Strickland u l-interessi tiegħu b'mod li flusha prattikament seta' jqishom


*Gerald Strickland dakinhar li daħal l-ewwel darba fil-House of Lords*




*Gerald Strickland imniżżel l-ewwel wieħed f' lista ta' Soċji Onorarji tal-każin tal-Banda l-Isle Adam lejn l-aħħar tas-seklu dsatax*

tiegħu, u b'hekk sar bla dubju l-iżjed bniedem sinjur f'Malta u x'aktarx wieħed mill-iżjed nies sinjuri fid-dinja ta' dak iż-żmien. Kien hawn li Villa Bologna f'Ħ'Attard, ir-residenza prinċipali ta' Strickland f'Malta, sarulha estenzjonijiet u kambjamenti kbar, u saret il-palazz sinjorili li naraw illum. Fost affarijiet ġodda pereżempju, ċertu bibien ġew mibdulha għall-irħam, jiġifieri folja irħam sħiħa bħala bieb! Sar titjib kbir ukoll fil-Kastell ta' Sizergh u anqas hawn ma nesa lil Malta Gerald Strickland. Kienet moda li dawn id-djar kbar tal-kampanja jkollhom għadira kbira fil-ġonna tagħhom biex l-okkupanti joqogħdu jgħaddu ż-żmien iduru bid-dgħajjes żgħar ġo fiha. Ġo Sizergh ukoll kien hemm għadira, iżda Strickland flok poġġa dgħajsa kwalunkwe, ordna żewġ dgħajjes stil Malti mill-Kalkara fl-1928 u ħadhom hemm. Waħda minnhom għadha tidher sal-lum. Permezz tat-tieni żwieġ tiegħu, Strickland akkwista ukoll dar kbira f'waħda mill-aqwa partijiet ta' Londra – Holland Park ġo Kensington.

Fl-elezzjoni ta' Awwissu tal-1927, il-Partiti tal-Compact bejniethom rebħu 18-il siġġu. Dan kien biżżejjed biex jiffurmaw gvern u Gerald Strickland għalhekk sar Prim Ministru ta' Malta fis-16 ta'

Awwissu. Matul it-tmexxija tiegħu saru numru ta' proġetti li għadna narawhom sal-lum. Għalkemm mibdi mill-Gvern Nazzjonalista tal-Prim Ministru Ugo Mifsud 'il biċċa l-kbira tax-xogħol fuq vjal id-Duka ta' York, dik it-triq li tgħaqqad il-Furjana mal-Belt Valletta minn quddiem Kastilja sar fi żmien Strickland. Inbeda wkoll *breakwater* għal Għawdex li dam iservi sakemm inbena dak li naraw illum fis-sittinijiet. Permezz tal-*breakwater* ta' Strickland, għall-ewwel darba l-vapuri f'Għawdex setgħu jibqgħu deħlin mal-mol flok iridu joqogħdu jgħabbu u jħottu bid-dgħajjes. L-akbar biċċa xogħol infrastrutturali tal-gvern ta' Strickland kien bla dubju ta' xejn il-bidu tal-Isptar San Luqa f'April tal-1930. Li jinbena sptar ġdid kienet ilha tissemma ħafna snin, għax l-isptar ċentrali tal-Furjana kien fi stat tal-biki. Għalkemm kien għad fadallu ħafna xogħol meta Strickland spiċċa minn Prim Ministru, jibqa' l-fatt li kien il-gvern tiegħu li beda x-xogħol biex ta lil pajjiżna l-ewwel sptar modern u ta' livell għoli ħafna li bqajna ngawduh sa ftit snin ilu. Inbnew ukoll u ġew imtejba numru ta' skejjel u toroq fost affarijiet oħra. Għat-tfal li kienu diġà jmorru l-iskola, Strickland għolla l-età tal-ħruġ minn 12 għal 14-il sena. L-aqwa liġi soċjali li għadda l-gvern ta' Strickland, li għadna ngawdu minnha sal-lum għalkemm ovvjament matul iż-żmien kien hemm gvernijiet li żiedu fuqha u tejbuha, kienet il-Workers Compensation Act. Permezz tagħha, għall-ewwel darba ħaddiem li jweġġa' fuq ix-xogħol kellu jingħata kumpens finanzjarju biex bih familtu tkun tista' tgħix sakemm ikun jista' jmur lura għax-xogħol. B'hekk inqatgħet darba għal dejjem l-għarukaża li familja ta' ħaddiem li jkun weġġa', barra dan l-inkwiet jiżdidilhom ieħor biex jaraw kif ma kinux ser imutu bil-ġuħ ladarba l-paga waqfet tidħol. Biex jiġi mgħejjun iż-żgħir ukoll, tjiebet il-liġi tal-kera. L-ilsien Malti beda jingħata iżjed importanza u kien f'dan iż-żmien li l-gazzetta tal-gvern bdiet toħroġ ukoll bil-Malti barra l-Ingliż u t-Taljan. Interessanti li kemm il-bniedem li Strickland għażel bħala President tas-Senat, Igino De Piro, kif ukoll ministru fil-gvern tiegħu, Edwin Vassallo, it-tnejn kienu Soċji fis-Soċjetà Mużikali L'Isle Adam.

Iżda l-iżjed ħaġa li jibqa' msemmi għaliha l-gvern ta' Strickland kienu l-ġlidiet politiċi li inqalgħu bejnu u bejn l-istituzzjonijiet tradizzjonali tal-pajjiż, speċjalment il-knisja. Issa dak iż-żmien, il-parlament kien maqsum f'żewġt ikmamar, l-Assemblea u s-Senat. Biex liġi tgħaddi, kellha tiġi approvata mit-tnejn, iżda filwaqt li Strickland kellu maġġoranza fl-Assemblea ma kellux maġġoranza fis-Senat. Għalhekk, l-oppożizzjoni setgħet tfixklu



***Il-monument ta' Lord Gerald Strickland***
***li jinsab il-Barrakka ta' Fuq fil-Belt Valletta***

waħda sew u fi żmien meta kien hemm nuqqas kbir ta' maturità politika, il-gvern ta' Strickland beda jsib ħafna bsaten fir-roti. L-ewwel budget tal-gvern ta' Strickland pereżempju ġie miżmum mis-Senat għax in-Nazzjonalisti ma qablux li Strickland juża l-flus fir-riserva li kienu bnew huma meta kienu fil-gvern. Il-gvern seta' jonfoq biss bil-warrant tal-gvernatur li ħadd ma kien ċert jekk kienx skont il-liġi jew le. Strickland rebaħ din il-battalja għax irnexxielu jġib minn Londra bdil fil-kostituzzjoni fl-1928 biex b'hekk il-budget seta' jgħaddi permezz ta' *joint sitting*, jiġifieri l-membri taż-żewġt ikmamar jivvutaw limkien flok separatament. Fis-Senat, il-kobba kienet imħabbla għaliex barra s-seba' membri eletti li minnhom Strickland kellu tlieta biss, kien hemm għaxra ohra maqsuma f'ħames gruppi ta' tnejn. Dawn kienu jirrappreżentaw xi interessi partikolari fil-pajjiż. Is-sitt rappreżentanti tal-Kleru, in-Nobbiltà u l-Kamra tal-Kummerċ kellhom tendenza jivvutaw mal-Oppożizzjoni Nazzjonalista. Kien hemm tnejn oħra jirrappreżentaw lill-*unions* u ħaġa naturali li dawn kienu se jappoġjaw lill-gvern ta' Strickland kien qed jaħdem mal-Partit Laburista. Iżda peress li l-unions f'Malta ma kinux għadhom organizzati sew fi Trade Union Council, kien hemm dubju serju jekk dawn kinux ġew eletti legalment. Din il-kwistjoni baqgħet sejra tul il-leġislatura kollha u darbtejn il-qorti iddikjarat li kienu fis-senat

illegalment. Għalkemm l-ewwel darba irreżenjaw, it-tieni darba baqgħu f'posthom u bis-saħħa tagħhom għaddew numru ta' liġijiet. Għax kien hemm riskju li dawn il-liġijiet jiġu ddikjarati nulli mill-qorti minħabba li għaddew bil-voti taż-żewġ senaturi tal-Unions, il-gvernatur għadda ordinanza li biha l-liġijiet ingħataw il-forza minkejja dak li kienet qalet il-qorti.

Iżda l-akbar gwerra kienet mal-Knisja. Strickland kien diġà bit-tikketta magħhom minħabba li tradizzjonalment il-Knisja f'Malta kienet favur il-kultura u l-lingwa Taljana. Għalhekk Strickland, li dejjem xtaq iġib 'il quddiem il-lingwa Ingliża flok dik Taljana kien għadu. Diġà rajna kif kellu kwistjoni mal-Isqof u l-kleru ta' Għawdex meta kien kap tal-oppożizzjoni. Fis-suċċessur ta' Camilleri, Mikiel Gonzi, Strickland kellu għadu kbir. Fis-senat iż-żewġ membri tal-kleru kellhom tendenza li jivvutaw man-Nazzjonalisti – saħansitra anke meta kien intgħeleb il-vot tal-budget. Strickland deherlu li f'dak li ma jikkonċernax ir-reliġjon, huma messhom jivvutaw mal-gvern. Fi żmien meta, kif rajna, il-gvern ma kellux maġġoranza fis-senat, din kienet kwistjoni kruċjali. Saret dimostrazzjoni pubblika kontra ż-żewġ senaturi tal-Knisja fil-15 ta' Awwissu tal-1928. Eventwalment meta ma felħux iżjed għat-tensjoni tas-seduti, dawn irriżenjaw fuq ordni tal-Isqof Caruana. L-isqof reġa' mela dawn il-pożizzjonijiet meta l-membru tat-Trade Union Council tilfu posthom definittivament fi Frar tal-1930. Din kienet mossa li wriet li l-knisja kienet qed iżżomm mal-oppożizzjoni.



***Gerald Strickland fi żmien meta kien Prim Ministru ta' Malta***

Imbagħad fl-1928 inqala' l-każ ta' żewġ Patrijiet Franġiskani Konventwali Guido Micallef u Alfred Grech, tnejn mill-ftit membri tal-kleru li kienu jżommu ma' Strickland u dan fil-beraħ. L-Ordni Franġiskan bagħat lil Patri Felice Carta, minn Sardenja biex jinvestsiga xi allegazzjonijiet dwar nuqqas ta' dixxiplina u eventwalment dan ordna li Patri Micallef jintbagħat minn Malta ġo kunvent f'Palermo. Micallef ma riedx imur, u l-gvern ipprova jżomm il-permess biex Micallef jitlaq minn Malta biex jgħinu. Ippruvaw ukoll ikeċċu lil Carta minn Malta. Strickland ħass li Micallef kien qed jiġi vittimizzat għax kien iżomm mal-Partit Kostituzzjonali. Strickland la ma wasalx mal-knisja f'Malta ipprova jasal mal-Vatikan u mar hemm biex jipprova jiltaqa' mal-Papa. Iżda dan irrifjuta li jarah. Fil-parlament u l-gazzetti ta' favur il-gvern kien qed isir ħafna diskors aħrax kontra l-knisja. Tant saħnu l-affarijiet li batew r-relazzjonijiet bejn il-gvern Ingliż, li tiegħu Malta kienet kolonja u l-Vatikan. Fl-aħħar intbagħat Mons. Pascal Robinson bħala viżitatur appostoliku biex jevalwa s-sitwazzjoni f'Malta. Strickland għenu ħafna iżda f'rapport li għamel Robinson tefa l-ħtija tal-inkwiet fuq il-Prim Ministru Strickland.

It-tensjoni politika fil-pajjiż kienet tremenda. Fuq vot tal-parlament, wieħed mill-membri Nazzjonalisti Carmelo Mifsud Bonnici, li t-tifel tiegħu snin wara sar President ta' Malta, intbagħat ġurnata ħabs minħabba xi ħaġa li kiteb. Strickland innifsu ukoll ma ħelishiex għax la kien daqshekk kontroversjali, bilfors kien hemm min ma kienx jista' għalih. Diġà meta kien Prim Segretarju, 30 sena qabel, kien hemm suspetti li kien hemm min ried joqtlu. Wara li daħal fil-politika f'Malta, jingħad li saru komplotti biex jeħilsu minnu. Fl-aħħar, fit-23 ta' Mejju tal-1930, waqt li Strickland kien fil-qorti ċertu Ġianni Miller mill-Isla spara tliet tiri lejh. Qam storbju sħiħ – nies ibaxxu filwaqt li jiġru 'l hemm u 'l hawn ifittxu kenn, min jgħajjar u min iwerżaq. Strickland ma ntlaqatx, baqa' kalm u kompla jaqra l-gazzetta. Miller weħel 15-il sena ħabs. Dan kien l-ewwel u s'issa l-aħħar attentat diretta b'arma tan-nar fuq il-ħajja ta' Prim Ministru Malti. Distinzjoni oħra li għandu Strickland huwa li jidher li kien l-ewwel Prim Ministru Malti li qatt rikeb fuq ajruplan. L-eqdem rikordju fuq film li jeżisti ta' Prim Ministru ta' Malta huwa ta' Gerald Strickland. Din kienet intervista qasira li nġibdet f'Sizergh Caslet fil-1930 fejn Strickland tkellem fuq il-qagħda politika Maltija. Din kont sibtha jien stess fl-arkivji tal-Movietone li qegħdin l-Ingilterra xi ħmistax-il sena ilu. Il-Prim Ministru ta' qablu, Ugo Mifsud, kien għamel xi ħaġa simili fil-1926, iżda din sfortunatament infilfet.

Gerald Strickland, bniedem b'karriera daqshekk illustri, ma setax ikun nieqes mill-onorifiċjenzi. Barra li kif rajna kien ilu konti mill-età ta' 14-il sena, diġà fl-1889 insibu li sar kumpann fl-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ. Fl-1897 sar Knight Commander bit-titlu ta' Sir, u wara Gran Croce fil-1913 biex imbagħad fl-1928 Sir Gerald sar Lord Strickland u dan tah prestiġju kbir. F'Malta mbagħad kien l-ewwel darba li xi ħadd ingħata dik il-kariga li ġabet magħha post fil-House of Lords Ingliża. In-numru ta' nies li kienu fil-House of Lords, fi tmien mitt sena ta' parlament Ingliż jammontaw għal ftit eluf. B'hekk

nifmhu x'qabża kienet din li għamel Strickland. Ħliefu, bniedem ieħor biss ta' dixxendenza Maltija u laħaq dan l-unur – imma Strickland kien l-ewwel wieħed. Biss għal Strickland din li sar Lord kellha togħma ftit morra. It-titlu li ngħata kien mod li jintiret biss mis-subien. Hu ħlief bniet ma kellux u minkejja li pprova minn kollox, ma rnexxilux jibdel ir-regola. B'hekk fl-Ingilterra huwa magħruf bħala the first and last Lord Strickland. La daħal fil-House of Lords, kellu wkoll iċedi postu fil-House of Commons, pero l-karriera parlamentari tiegħu komplieha fil-Lords sakemm miet.

F'Malta l-elezzjoni kienet ġejja f'Awwissu tal-1930 – dak iż-żmien il-leġiżlatura kienet twila tliet snin mhux ħamsa bħal-lum. Iżda l-ewwel kolp tawh l-isqfijiet, li fl-1 ta' Mejju tal-1930 ħarġu ittra pastorali li biha poġġew taħt piena ta' dnub mejjet lil kull min jgħin jew jivvota lil Strickland u l-partit tiegħu kif ukoll il-Partit Laburista. Fi żmien meta n-nies kienu reliġjużi iżjed mil-lum, din kienet daqqa tal-mewt għall-kampanja elettorali ta' dawn iż-żewġ Partiti. Quddiem din is-sitwazzjoni, il-gvernatur ikkanċella l-elezzjoni u ssospenda l-kostituzzjoni u t-tmexxija reġgħet għaddiet f'idejh. Pero żamm lil Strickland u l-ministri tiegħu fil-kariga għalkemm f'pożizzjoni konsultattiva.

Il-kostituzzjoni reġgħet bdiet titħaddem mill-ġdid fl-1932, imma fl-elezzjoni ta' Ġunju ta' dik is-sena kemm il-partit ta' Strickland kif ukoll il-Partit Laburista ħadu tkaxkira kbira. Dan minkejja li Strickland, biex jirranġa mal-knisja sa għamel apoloġija ta' dak li kien ġara lejn l-aħħar ta' Mejju. L-isqfijiet kienu ħarġu pastorali oħra dak ix-xahar li fiha ikkundannawh. Eventwalment, b'terz tal-voti mitfugħa, Strickland rebaħ 10 siġġijiet minn 32 u reġa' sar kap tal-oppożizzjoni. Iżda l-qagħda internazzjonali u raġunijiet oħra ikkawżaw il-kostituzzjoni tintilef mill-ġdid f'Novembru tal-1933. Il-ministri u membri parlamentari Maltin tkeċċew u Strickland għalhekk tilef il-kariga. Bla Parlament, Strickland bħall-politiċi Maltin kollha ta' dak iż-żmien sab ruħu qisu xufier mingħajr karozza, u ħadmu lkoll flimkien biex jipprotestaw kontra l-gvern Ingliż u biex jerġgħu jakkwistaw kostituzzjoni oħra mill-ġdid. Fil-fatt ġiet waħda b'poteri limitatissimi għall-Maltin fil-1936, u oħra aħjar minnha fil-1939, imma Strickland matul ħajtu qatt ma reġa' ra kostituzzjoni liberali daqs dik ta' bejn l-1921 u l-1933. Imma għall-kuntrarju tal-politiċi Maltin l-oħra, Strickland kien għad fadallu vuċi fil-House of Lords u hawn kompla jqajjem il-każ ta' Malta b'saħħa kbira. Numru ta' drabi ħa l-gvern Ingliż il-qorti b'konnessjoni ma' dan, f'każijiet li baqgħu jissemmew is-snin.

Bix-xena politika f'Malta daqshekk limitata, Strickland sab sors ieħor kif jista' javvanza l-għanijiet tiegħu speċjalment l-estensjoni tal-lingwa u kultura Ingliża f'Malta. Sa minn żogħżitu kien jikteb fil-gazzetti, u meta waqqaf il-partit tiegħu beda joħroġ gazzetta. Iżda issa bl-esperjenza, kuntatti u flus li kellha Margaret, li kif rajna kienet ġejja minn familja involuta fil-gazzetti, waqqaf it-Times of Malta f'Awwissu tal-1935. Bdiet toħroġ ukoll verżjoni bil-Malti bl-isem ta' Il-Berqa. Għalkemm Il-Berqa spiċċat it-Times, għadha magħna sal-lum, saret istituzzjoni f'pajjiżna li kellha sehem importanti fl-istorja tagħna. Lejn l-aħħar tas-snin tletin waqqaf ukoll il-kulleġġ ta' St. Edwards fil-Kottonera, li xogħlu kien li jagħti edukazzjoni fuq stil Ingliż lill-istudenti Maltin. Strickland minn dejjem kien akkanit kbir li Malta ssir destinazzjoni turistika u kien ilu s-snin jinsisti li kien hemm bżonn lukanda kapaċi f'Malta kif wieħed isib barra. Għal darb'oħra, bis-saħħa ta' martu Margaret, bdiet tinbena l-Phoenicia Hotel, li iżda Strickland ma laħaqx jaraha tispiċċa. Dan lejn l-aħħar ta' tletinijiet meta kien hemm inkwiet kbir fil-qasam internazzjonali u kienet qabża kbira ta' fiduċja (jew kien hemm min qal ġenn!) li tinvesti dawk l-eluf kollha f'post bħal Malta li f'każ ta' gwerra, kif fil-fatt ġara 4 snin wara, żgur kien se jintlaqat bil-kbir.

Il-kostituzzjoni tal-1939, għalkemm mhix tajba daqs dik ta' bejn l-1921 u l-1933, kienet aħjar minn dik tal-1936 għax tal-anqas ipprovdiet għall-kunsill li fih għaxar membri kienu eletti mill-Maltin. Strickland, wara dak kollu li għadda minnu fl-għaxar snin ta' qabel, bid-diżappunti kollha, tal-anqas issa kellu s-sodisfazzjon li meta saret l-elezzjoni għal dan il-kunsill, il-partit tiegħu rebaħ maġġoranza tal-voti, u sitta minn għaxar siġġijiet. Kien allura l-mexxej tal-maġġoranza eletta. Ipprova jġib mill-ġdid it-titlu ta' Prim Ministru imma l-Ingliżi dehrilhom li la dan kien kunsill u mhux parlament, titlu bħal dak ma kienx f'postu. Iżda dan ma kienx żmien għall-irqaqat bħal dawn. Ix-xena internazzjonali kienet ilha tiggrava u Strickland kien ilu s-snin iwissi dwar



*Sizergh Castle minn naħa ta' wara*

l-ambizzjonijiet Taljani lejn Malta. Meta mbagħad l-Italja bdiet titfa l-bombi fuq Malta, f'Ġunju tal-1940, Strickland ingħata raġun. Imma dan l-att kellu jkompli mingħajr Strickland bħala wieħed mill-protagonisti. Għall-ħabta ta' nofs Awwissu tal-1940, Strickland li issa kellu 79 sena u li jpejjep daqs ċumnija ħajtu kollha, mar lura d-dar iħossu ma jiflaħx. Kompla jiggrava matul il-ġimgħa ta' wara, jidher li kellu ukoll problemi fil-kliewi, sakemm miet fit-8:30 ta' filgħodu tal-22 ta' Awwissu.

Il-funeral tiegħu sar l-għada, u beda b'quddiesa fil-Villa Bologna fejn miet. Wara l-funeral, qabad it-triq lejn ir-Rabat fejn, fis-Saqqajja sab tilqgħu folla kbira ta' nies – li forsi kienet tkun akbar li kieku ma kinux bdew l-attakki mill-ajru issa li kienet bdiet il-gwerra. Fil-fatt sar ħbit mill-ajru waqt il-funeral innifsu. Attendew numru ta' dinjitarji jew rappreżentanti tagħhom. Mis-Saqqajja ġibdu lejn il-Katidral tal-Imdina għad-difna iżda minħabba l-inkwiet li Strickland kellu mal-knisja matul ħajtu, ġriet ix-xniha li ma kinux se jħalluh jiddaħħal fil-Katidral. Iżda dan ma kienx minnu sa kienu attendew rappreżentanti tal-Isqof. Irid jingħad ukoll li Strickland miet f'paċi mal-Knisja, bil-barka tal-Isqfijiet Caruana u Gonzi u assistit mill-kappillan ta' Ħ'Attard Michael Balzan. Lord Gerald Strickland indifen fil-qabar tal-familja f'wieħed mill-kappelli fuq il-lemin tal-korsija tal-Katidral. B'hekk, forsi wieħed mill-aqwa wlied ta' Malta għadda minn din id-dinja, u llum il-memorja tiegħu hi diżgrazzjatament minsija għalkemm sar monument għalih fil-Barrakka ta' fuq, xogħol Antonio Sciortino fil-1947.

Ħafna forsi jistaqsu, x'sar mill-familja u l-ġid ta' Strickland? It-tieni mara tiegħu, Margaret mietet fl-1950 imma mhux qabel għamlet atti kbar ta' karità. Kellha s-sodisfazzjon tara l-lukanda Phoenicia tiftaħ fl-1947. It-tifla l-kbira, Mary, wirtet il-kastell ta' Sizergh u d-dixxendenti tagħha għadhom jgħixu hemm sal-lum, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-kastell ġie mgħoddi lin-National Trust, li llum iżżommu miftuħ għall-pubbliku. In-neputi ta' Mary, Henry Hornyold Strickland illum huwa t-tmin Conte della Catena. It-tieni tifla, Cecilia, wirtet il-Villa Bologna, li fiha llum jgħixu d-dixxendenti tagħha li qed jagħmlu xogħol siewi biex isalvaw din il-ġawhra arkitettonika unika f'Malta. Cecilia, miżżewġa De Trafford, għandha konnessjoni mar-Rabat għax kellhom dar kbira hawn, fejn illum hemm il-lukanda Verdala.

Tul is-snin 50 u sittin ħadmet ħafna biex tkattar l-artiġġjanat f'Malta u ħaddmu mijiet ta' nies matul is-snin fosthom nies b'diżabilità. It-tielet tifla, Mabel wirtet it-Times u kienet sinonima ma' din il-gazzetta,



*Gerald Strickland fi żmien meta kien gvernatur ta' New South Wales flimkien ma' martu Edeline, u t-tfal bniet li għexu, mix-xellug għal- lemin:- Cecilia, Constance, Henrietta, Mabel u Mary*

*Ħajr lill-Arkivju Nazzjonali u l-familja De Trafford għar-ritratti*

prattikament sakemm mietet fl-1988. Mabel tinsab maġenb missierha fil-Katidral tal-Imdina. Id-dixxendenti tar-raba tifla, Henrietta Bower, jgħixu l-Ingilterra. It-tifla ż-żgħira Constance, li bħal oħta Mabel ma żżewġitx, kellha karriera bħala tabiba fil-lvant imbiegħed. Jingħad li meta kellha xi 20 jew 30 sena, kienet qajmet fervur għax fil-villaġġi qrib Sizergh Castle fl-Ingilterra mhux biss għax kienet l-ewwel mara li qatt raw li kienet issuq il-mutur, imma wkoll għax kienet l-ewwel mara f'dawk in-naħat li kienet tilbes qalziet!

Il-partit kostituzzjonali li waqqaf Strickland majna sa ftit snin wara mewtu, għalkemm Bintu Mabel ippruvat tqajmu mill-ġdid sakemm żarma għalkollox fis-snin sebgħin. Mhux l-istess jista' jingħad għall-gazzetta Times li hija l-iżjed gazzetta b'saħħitha li għandna Malta. Il-ġid li ħalliet l-amministrazzjonijiet ta' Strickland kemm bħala Prim Segretarju kif ukoll bħala Prim Ministru gawdejna minnu u għadna ngawdu minnu, l-Isptar San Luqa pereżempju u numru ta' skejjel u toroq. Kull darba li napprezzaw il-vantaġġ li ttina l-konoxxenza tagħna mal-lingwa Ingliża, għandna nsellmu lil Gerald Strickland li tant stinka biex dan iseħħ.

**Referenzi:**


Lord Strickland, Servant of the Crown Vol 1 & 2 – Adrianus Koster & Harrison Smith
Strickland – Edwin Vassallo
Mabel Strickland – Joan Alexander
Strickland House Vol 1 & 2 – Voctor Aquiilna
Sizergh Castle – National Trust
Malta's Parliament – Godfrey Pirotta
L-Elezzjonijiet F'Malta – Michael J. Schiavone
Il-Compact – Anton Cassar
Strickland, Britian and the Vatican - Cesare Catania
The Pope and the Duce – Peter C. Kent
L-Istorja Kostituzzjonali u l-isfond Storiku – Joseph M. Pirotta
Endemic Democracy – Dominic Fenech
Intervisti varji li għamel l-awtur f Malta u l-Ingilterra
Ħajr lil Arkivju Nazzjonali u l-familja De Trafford għar-ritratti